KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 2/2022**

15 ta' Frar 2022

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Maria Sultana - Kunsilliera

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**2.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**2.1.** Is-Sinjura Maria Sultana giet skuzata peress li qeghda imsiefra

**2.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**2.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 1 u 2.2B kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

**2.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjura Speranza Chircop u ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-minuti ġew approvati unanimament

**2.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:**

**2.3.A** **Laqgħa Proġett tax-Xatt :** Is-Sindku nforma l-kunsill dwar żewġ laqgħat li kellu f'dawn il-ġranet li għaddew fejn ġew diskussi lmenti kif ukoll suġġerimenti f'dan ir-rigward. Is-Sindku wieġeb għal suġġerimenti li kien għamel is-Sur Vince Bongailas fuq rigward stampa / billboard ta' kif ġej il-proġett li din għandha ssir fil-ġranet li ġej mill-kuntrattur / GHRC stess. Ġew diskussi materji wkoll ta' kif ser jipproċedi l-proċess fix-xhur li ġejjin biex wieħed anke jkun jaf iwieġeb ilmenti li jidħlu l-kunsill. Waqt laqgħa li saret illum ġiet diskussa kif minn ftit ġranet oħra ser ikun hemm aġġustament Triq Malta Rebbieħa għal waħda xorta 2 lane b'xi arranġamenti li hemm bżonn biex jitkompla x-xogħol fuq in-naħa tal-baħar. Tajjeb ukoll li wieħed isemmi illi sa April ta' 2022 jew Mejju n-nies ser ikunu jistgħu jgħaddu mit-triq ġdida li daqt titlesta kif ukoll wieħed jista' jimxi fuq il-moll. Is-Sindku qal illi jinsab ferm kuntent anke għal kuntatt li għandhom il-kuntratturi stess mal- għaqdiet tal-festa, Kapillan u dawk in-nies kollha li ser jiġu affetwati b'xi mod jew ieħor b'din il-kostruzzjoni biex ix-xogħol ikun wieħed dejjem mill-inqas ta' introjtu. Minn nhar it-Tnejn li ġej it-traffiku ser ikun 'diverted' b'żewg karreġjati miftuħa bin- nuqqas ta' parkeġġi li hemm fl-inħawi. Dan ser isir biex it-triq tibqa' dejjem miftuħa u tkun inqas ta' inkonvenjent.

B **Ġnien tas-Salvatur – Proġett Malta Trust Foundation** : F'seduti preċedenti dan il-proġett ġie diġa' diskuss fejn il-kunsill qabel unanimament li għandu jsir. Fis-seduta preċedenti s-Sindku semma illi dan il-proġett ser isir wara li l-kunsill

japplika għad-DPF funds pero' sadanittant inħarġu fondi oħra minn naħa ta' Ambjent Malta fejn ġiet mitfuwha l-applikazzjoni ta' dan il-proġett biex wieħed jipprova jieħu fondi minn din l-iskema flok mid-DPF biex il-fondi allokati għad-DPF jibqgħu available għal proġetti oħra futuri li l-kunsill jista' jaħseb għalihom. L-applikazzjoni biex isir dan il-proġett intefgħet proprju llum. Dan ifisser illi minn issa l'hemm il-kunsill ikun qed jispera li jieħu risposta pożittiva biex titkompla l-ħidma fuq dan il-proġett imsemmi b'kollaborazzjoni mal-NGO l-Malta Trust Foundation.

C **Attivita' Karnival** : Is-Sindku nforma l-kunsill illi f'isem il-kunsill qiegħed jieħu ħsieb l-organizazzjoni ta' attivita' ħelwa bl-isem ta' 'Festa Ħelu' simili ta' dik li saret fix-xahar li għadda bl-isem ta' 'L-għodwa taċ-Ċitru'. Tajjeb li wieħed jgħid illi Festa ħelu ser tkun qed tinħadem fuq l-istess prassi tal-Għodwa taċ-ċitru biex il-kunsill ma joħroġ xejn jew spejjeż mill-inqas biex din l-attivita' tkun tista' tittella'. Festa Ħelu ser issir nhar is-Sibt 26 ta' Frar li jaħbat Sibt il- Karnival. Is-Sindku qal illi ser ikun hemm 'stalls' tal-ħelu, ġelati, 'bouncing castles' ,żfin u attivitajiet oħra f'dan in-nofs ta nhar imtella' f'din il-ġurnata msemmija. Is-Sindku żied jgħid illi attivitajiet bħal dawn huma nota pożittiva mhux għal Kalkariżi biss imma forsi għan-nies li jiġu minn barra l-lokal igawdu minn dak li jiġi organizzat. L-attivita' Festa Ħelu ħa ssir fi Triq Luigi Pisani quddiem l-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill. Is-Sindku talab lill-kunsilliera biex min jista' jagħti s-sehem tiegħu waqt din l-attivita' ikun ferm apprezzat.

D **Żjara mid-Direttur tac-China Cultural Centre :** Is-Sindku nforma l-kunsill illi b'kollaborazzjoni u bis-sehem tal-Kunsilliera Speranza Chircop fix-xahar li għadda ltaqgħu mad-direttorat imsemmi fit-titlu hawn fuq fejn kienet laqgħa pożittiva mmens fejn ukoll saru diskussjonijiet biex anke jkun hemm kollaborazzjonijiet futuri ma' dan l-istess direttorat. Waqt din il-laqgha wkoll kien hemm żjarat ta' postijiet fil-Kalkara stess biex anke d-direttur li kien preżenti jieħu 'feel' ta' x'tista' toffri l-Kalkara fil-każ li jkunu jridu jagħmlu attivita' minn naħa tagħhom b'kollaborazzjoni mal-istess Kunsill.

E **Ħaddiem – Light Duty** : Is-Sindku spjega sitwazzjoni xejn pjaċevoli li ġrat ħaddiem fix-xhur li għaddew fejn dan il-ħaddiem weġġa' waqt li kien qiegħed id-dar fil-ħin tax-xogħol tiegħu. Wara diskussjonijiet mal-kumpanija stess li tħaddmu kif ukoll mieghu personali is Sindku qal illi intlahaq ftejm biex sakemm dan il haddiem ikun 'fit for work again' jingħata xogħol ta' light duty anke biex l-istess kunsill ikun qiegħed jgħinu mill-għatt ta' paga. Dan il-ħaddiem qiegħed jieħu taħriġ mill-librara tagħna biex la darba hi tkun bil-'leave' jew 'sick' il-librerija tkun xorta tista' tiftaħ bis-sehem tiegħu la darba jkun imħarreġ u kunfidenti li jagħmel dan waħdu. Ukoll fit-taħdidiet li kien hemm bejn is-Sindku, is-Seg Eżek u anke dan l-istess ħaddiem issemma wkoll proġetti futuri fejn ikun jista' jagħti daqqa t'id f'xogħol ieħor amministrattiv jew anke sewqan.

F **Financial Statements 2021- Preparamenti għall-Audit 2022 :**

Is-Sindku sellem lill-accountants tal-kunsill li kienu preżenti onlajn waqt din is-seduta bħal kull sena biex jiġu spjegati fid-dettal u b'mod tekniku l-estimi finanzjarji biex tingħalaq is-sena 2021 qabel ma jiġu l-awdituri biex titħejja sena ta' awditjar skond il-liġi

Is-Sur Manicaro, spjega fid-dettal id-dokumenti ppreżentati lil kull membru tal- kunsill kif ukoll ippreżenta l-budget tas-sena 2022, il-'quarterly report' kif ukoll dokumenti oħra biex jiġu approvati mill-kunsill bl-isem ta' 'adjustment fund' biex il-kunsill stess ikun jista' japplika għal finanzi 'extra' mid-dipartiment tal-kunsilli stess peress illi din is-sena l-proċedura nbiddlet ftit fir-rigward tat-tqassim 'extra' ta' dawn il-fondi.

Il-kunsill approva d-dokumenti kollha ppreżentati, ressqu wkoll xi mistoqsijiet formali lill-accountant tal-kunsill biex wieħed ikun fehem dak li forsi ġie spjegat b'mod tekniku wisq biex finalment ġie approvat kollox mill-kunsill unanimament.

Bi pjaċir u b'sodisfazzjon is-Sindku saħaq illi l-għaqal ta' matul is-sena 2021, fit-tieni sena sħiħa tiegħu fit-tmexxija tal-kunsill, ġie rifless fir-riżultati u f'dawn in-numri li ġew ippreżentati fejn il-kunsill seta' jara' tnaqqis mid-defiċit li l-kunsill stess qiegħed fih. Is-Sindku żied jgħid illi veru li fadal ħafna biex il-kunsill iġib qagħda stabbli fejn jidħlu finanzi imma wiegħed l-impenn sħiħ tiegħu biex bħal ma għamel flimkien mas-Seg Eżek li hija l-kap finanzjarju fi ħdan il-kunsill ikompli jaħdem biex ma jintefqux flus bla reqqa biex b'hekk naraw riżultati aħjar f'din il- leġislatura. Tajjeb li wieħed isemmi ċifra globali illi filwaqt li fis-sena 2020 għalaqna b'defiċit ta' €149,329 , fis-sena 2021 il-kunsill qed jagħlaq b'defisit ta' €118,769.

## G Korrespondenza:

1 Kwistjoni ta' sanzjonar ta' Triq Santu Rokku. Anomalija minn fejn sa fejn tasal u tibda din it-triq. Il-kunsill ġie mgħajjat biex jidher il-qorti fuq kwistjoni privata fuq din l-istess triq imsemmija biex nikkonfermaw minn fejn sa fejn tasal din it-triq. Il-kunsill talab l-għajnuna u konferma biex wieħed imur preparat il-qorti lill-kumitat tat-tismija tat-toroq. B'sorpriża l-kumitat ikkonferma li qatt ma kien hemm irreġistrat minn fejn sa fejn tasal din it-triq u l-kunsill irid jiddeċiedu u jibgħat is-suġġeriment biex b'hekk tiġi kkonfermata minn naħa tagħhom kif ukoll ippublikata minn naħa tagħhom. Din it-triq b'hekk biss tista' tiġi s-sanzjonata.

Il-kunsill qabel unanimament illi fuq is-sanzjonar ta' Triq Santu Rokku u ser tkun qed tintbgħat formalment lil dan il-kumitat għal aktar proċessi minn naħa tagħhom biex tkun konformi mal-ligi.

2 Il-kunsill qabel unanimament illi din il-'call' għandha tingħata lill-unika applikant li applika li huwa s-Sur Deemer Bilocca li huwa diġa' mpjegat tal-istess kunsill fejn il-kunsill stess kien qabel illi għandha tingħatalu grad aħjar minn dak li kellu.

**H Punti Ġenerali :**

**Ma kienx hemm**

**I Laqgħa Pubblika :**

**Il-kunsill qabel unanimament illi għandha tissejjaħ laqgħa pubblika skond il-liġi nhar it – 23 ta' Marzu 2022**

**2.4 Punti mill-Minuti Preċedenti :**

**1** Punt 1.3 A : Dan il-punt ġie diskuss f'seduta preċedenti fuq tabelli ġodda li tweħħlu minn naħa tal-kunsill wara li t-triq dejjem kienet ikkonfermata li hija 'one way' l-isfel lejn Triq Rinella. Is-Sindku qal illi mis-Seduta l-oħra għal din residenti għamlu petizzjoni u ppreżentawielu waqt laqgħa formali li talbu miegħu stess. Dawn ir-residenti jridu illi t-triq terġa' tiġi meqjusa bħala waħda '2 way' għax b'dawn it-tabelli ġew ta' inkonvenjent speċjalment għal dawk li għandhom il-garaxijiet hemm hekk. Is-Sindku għandu laqgħa fuq dan ir-rigward għada stess ma' uffiċjal minn Transport Malta biex b'hekk jingħata parir professjonali u tekniku fuq din il-kwistjoni biex isir dak li huwa l-aħjar għal benefiċċju ta' kulħadd.

**2** Punt 1.3 B : Is-Sindku nforma l-kunsill allavolja l-kunsill kien diġa' nfurmat u qabel unanimament mar-rebħ ta' kuntrattur tat-tender li l-kunsill ħareġ għal xiri ta' van elettriku, illi illum stess kellu laqgħa flimkien mas-Seg Eżek mad-ditta li rebħet l-offerta biex jinbeda l-proċess tal-ordni, ħlas u dak kollu li hemm bżonn biex meta dan il-van ikun fit-triq ikollu kollox lest biex jintuża. Is-Sindku qal illi hemm problema ta' kif wieħed ser iħallas dan il-van minħabba l-problema finanzjarja li għandu l-kunsill fil-preżent. Is-Sindku qal illi f'dawn it-tmien xhur li ġejjin wieħed irid jieħu ħsieb illi jkollu flus biżejjed biex jitħallas il-van once li jkun qiegħed Malta. Is-Sindku qal illi wieħed għandu jagħmel l-għalmu tiegħu biex il-kunsill ma jbgħatix ħafna biex jinġieb dan il-van speċjalment meta ser ikun qed jieħu 10k lura tal-VAT.

3 Punt 1.3 G Is-Sindku bi pjaċir ħabbar illi l-Malta Film Award ġew mirbuħa mill-Kalkara. Din kienet sorpriża illi fil-verita' hu flimkien mall-kunsill ħadem għal dan it-titlu billi ħajjar in-nies jivvutaw għal lokazzjoni ssuġerita. Tajjeb li wieħed jgħid illi b'din ir-rebħa ta' dan it-titlu l-kunsill ser ikun qed jibbenifika minn 25k għal użu u benefiċċju tal-lokalita'. Is-Sindku qal illi la t-trophy u lanqas il-flus għadhom ma waslux.

4 Punt 1.3 H Is-Sindku bi pjaċir ħabbar illi l-attivita' L-Għodwa taċ-Ċitru kienet waħda ta' suċċess kellu ħafna kummenti pożittivi. Kienet attivita' ħelwa u jispera illi din tidħol fil-kalendarju tal- Kunsill biex forsi wieħed anke jkabbara kull sena.

5 Punt 1.5 ii Il-ħofra ta' Triq il-Ġenista li l-kunsill kien ilu snin jagħmel ilmenti fuqha bi pjaċir is-Sindku ħabbar illi wara ħafna diskussjonijiet u telefonati din il-ħofra tranġat u tlestiet ukoll il-ġimgħa li għaddiet.

6 Punt 1.5 iii 2 Is-Sindku qal illi fiż-żmien li ġejjin ser jiġi skedat meeting mal-persuna nkarigata u ingaġġata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli biex tiġi indirizzata din il-problema fil-lokalita' u l-aħjar 'way forward'. Din il-laqgħa ser ikun hemm preżenti wkoll il-kappillan il-għaliex l-aħjar post li ssir din il-biċċa xogħol issir f'post għoli daqs il-bjut tal-knisja stess tal-lokal.

2.5 I 1 Dan il-punt ġie diskuss qabel f'din is-seduta

i 2 Dan il-punt ġie diskuss qabel f'din is-seduta

I3 Is-Sur Bongailas qal illi hemm ħajt perikoluż fi Triq L-Isptar Navali li qed jaqa' minħabba wkoll siġra li qed tistrieħ miegħu. Din iż-żona taqa' taħt il-'Lands Authority' u l-complaints fuq dan il-ħajt diġa' ntbgħatu pero' waqaw f'widnejn torox. Is-Sur Bongailas qal illi hemm bżonn illi tintbgħat email il-garaxx tal-Gvern biex forsi jibgħatu l-ħaddiema kompetenti li jagħmlu dan it-tip ta' xogħol speċjalment ħitan tas-sejjieħ.

I4 1 Is-Sur Bongailas saqsa l-flus mirbuħin fiex jista' wieħed jonfoqom. Is-Sindku qal illi jekk hemm xi ħadd li għandu xi idea tajjeb li jgħida. Is-Sindku qal illi l-ewwel wieħed irid jara xi criteria ser ikun hemm abbinati magħhom. Ejja wieħed jara l-kriterja u wieħed jerġa' jiddiskuti ideat varji li wieħed li jista' jkollu. Is-Sindku qal illi hu kellu idea li jsir monument li tiddentifika l-Kalkara. Is-Sur Bruno qal illi parti minn dawn il-flus għandhom jmorru biex ikopru l-ispiża tal-e van. Is-Sinjura Chircop issuġġeriet li ssir belvedere. Is-Sindku qal li għandu xi ideat iżda talab li l- kunsill biex l-ideat kollha għandhom jitpoġġew fuq il-mejda wara li jiġu dawn il-flus u wieħed jara minn hemm.

Ii 1 Is-Sur Christopher Bruno qal illi kemm ilu li l-Gvern qata' l-użu tal-boroż tal-plastic qed ikun hemm ħmieġ eċċessiv tal-klieb fit-toroq u tajjeb li jitweħħlu forsi tabelli biex wieħed jiġbed aktar l-għajn u forsi persuna tkun aktar prudenti.

2.5a Ħin allokat għas -Sur Vincent Bongailas – Viċi Sindku

1 Is-Sur Bongailas staqsa fuq is-suġġeriment li għadda f'seduta preċedenti fuq it-tabelli tal-qtates fiż-żoni li diġa' semma. Is-Sur Bongailas qal illi dawn jistgħu jsiru mill-fond mibgħut lill-kull Kunsillier ie tiegħu. Huwa wkoll qal illi wieħed għandu jistaqsi ukoll lil

Transport Malta forsi għandhom tabelli li jistgħu jitweħħlu mal-art flok tabella fuq pole normali u bħas-soltu.

2.5b Ħin allokat għas-Sinjura Maria Sultana – Kunsilliera

Ma kellha l-ebda punt x'tiddiskuti minhabba li ma kienitx prezenti

2.5c Ħin allokat għas-Sinjura Speranza Chircop – Kunsilliera

1 Ħarġa kulturali għal Frar 2022 ikkonfermata għal Arka ta' Noe u oħra li tista' wkoll tibda tiġi organizzata lejn Sqallija u ħarġa oħra kulturali għal anzjani u Familja.

2 Is-Sinjura Chircop qalet illi attendiet laqgħa aktar kmieni dan ix-xahar ġewwa l-MCAST rigward anzjani attivi. Kienet laqgħa interessanti fejn ukoll għamlet konnessjonijiet biex wieħed jagħmel arranġamenti magħhom biex jiġu huma waqt ħarġiet li torganizza s-Sinjura Chircop stess biex jiġu jagħmlu 'talks' minn naħa tagħhom.

3 Il-kors tal-bizilla reġa' beda u hemm numru ta' attendenza sabiħa.

2.5 d Ħin Allokat għas-Sinjur Christopher Bruno – Kunsillier

Ma kellu l-ebda punt x'jiddiskuti

**2.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

2.6.1 Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

2.6.2 Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 2.22

**2.7 Mozzjonijiet**

**Ma kienx hemm**

**2.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

2.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-7:15pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-16 ta' Marzu 2022 fl-4:00 ta' wara Nofsinhar.

Konfermati, illum ______________________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv